IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

25 ta' Settembru 2015
105/2015

## FTEHIM KOLLETTIV ĠDID GĦALL-ĦADDIEMA TAL-KURJA

Ġie ffirmat ftehim kollettiv ġdid bejn il-Kurja tal-Arċisqof u l-Union Ħaddiema Magħqudin, għall-perjodu 2015-2019. Il-ftehim ġie ffirmat mis-Sur Michael Pace Ross, Segretarju Amministrattiv tal-Arċidjocesi ta' Malta, u mis-Sur Jesmond Bonello, President tal-UĦM.

Il-ftehim jipprovdi għal kundizzjonijiet aħjar ta' xogħol għal ħaddiema kollha, fosthom żidiet bl-arretrati fis-salarji u fl-*allowances* għall-kwalifiki, u *bonus* ta' darba li jingħata f'Diċembru. Jipprovdi wkoll għal bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-familja, b'żieda ta' ġurnata *vacation leave* u ħinijiet iktar flessibbli ta' xogħol. L-impjegati jistgħu ukoll jagħtu mil-*leave* tagħhom lill-kollegi f'każ ta' mard serju.

In-negozjati tmexxew mis-Sur Pace Ross min-naħa tal-Kurja u mis-Sinj. Isabelle Farrugia min-naħa tal-UHM. Il-ftehim ġie approvat mill-Kumitat Finanzjarju Djoċesan u mill-Kunsill Rappreżentattiv Djoċesan, ippreseduti mill-Arċisqof Charles J. Scicluna.

Kurja tal-Arċisqof
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

Indirizz
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

Tel. +356 2124 1281
Email. info@maltadiocese.org
www.thechurchinmalta.org